MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 5/2003

**George Attard fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali ta' l-assenti ommu Rose Pintley**
**Vs**
**Dr.Mark Busuttil u l-PL.Veronica Rossignaud kuraturi deputati nominati b' digriet tal-31 ta' Jannar 2003 biex jirrapprezentaw lill-eredita' ta' John Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi permezz ta' kuntratt konservat f'l-atti tan Nutar Nicola Said datat 28 ta' Mejju 1975 John Attard u martu Rose Pintley akkwistaw fi kwoti ndaqs waqt iz-zwieg taghhom il-fond urban b'l-isem Anfield fi triq gdida f'Canon Road Santa Venera korpriz f'dan il-fond garaxx li jifforma parti integrali minnu.

Peress illi z-zwieg ta' l-imsemmija John Attard u Rosa Pintley gie dikjarat null permezz ta' sentenza mghotija minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 1985.

Peress illi l-fond fuq imsemmi baqa in komun bejn John Attard u Rose Pintley.

Peress illi John Attard miet fil-11 ta' Gunju 2000 u mhux maghruf min huma l-eredi tieghu.

Peress illi Rose Pintley ma tixtieqx tibqa f'komunjoni tal-propjeta de quo.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna d-divizjoni tal-fond urban bil-garaxx li jifforma parti integrali minnu bla numru jismu Anfield fi triq gdida f'Canon Road Santa Venera

2. tinnomina nutar biex jircievi l-att opportun u kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-att

3. tiffissa gurnata hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv

4. f'kaz li l-fond mhux komodament divizibbli tordna l-bejgh b'l-citazzjoni ta' l-imsemmi fond.

B'l-ispejjez kontra l-konvenuti mil-llum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi li eccepew illi huma ma humiex edotti mill-fatti u qeghdin jirrizervaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat r-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC Renato Laferla minnu debitament mahlufa fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2004;[1]

[1] Fol.37

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati;
Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tallum;
Ikkunsidrat

Illi permezz ta’ kuntratt ppublikat fit-28 ta’ Lulju 1975 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said il-konjugi[2] John Attard u Rose Pintley matul iz-zwieg taghhom kienu akkwistaw b’ titolu ta’ komprovendita il-fond, dar bil-garage, “bl-isem ‘Anfield’ fi triq gdida bla isem f’ Canon Street, Santa Venera, bla numru”[3]

Illi mir-relazzjoni peritali jirrizulta li llum il-fond ghandu n-numru seba [7] u t-triq fejn jinsab illum iggib l-isem Triq il-Kukkanja.[4]

Illi l-imsemmi fond jappartjenti lil John Attard u Rose Pintley fi kwoti ndaqs bejniethom.

Illi sussegwentement iz-zwieg bejn dawn il-konjugi gie dikjarat null permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-22 ta’ Ottubru 1985.[5]

Illi l-imsemmi John Attard miet fil-11 ta’ Gunju 2000[6] u l-imsemmija Rose Pintley ma tridx tibqa’ f’ komunjoni tal-proprjeta’ quo, u ghalhekk istitwit dawn il-proceduri ghad-divizjoni jew licitazzjoni tal-istess proprjeta’.

Illi fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, li din l-Qorti qeghda taddotta fl-intier taghha b’ mod li titqies bhala parti integrali ta’ dan il-gudizzju, il-Perit Laferla, wara li stabilixxa li l-valur tal-proprjeta’ de quo fl-intier taghha fl-ammont ta’ seba u tmenin elf, sitt mija, u hamsa u erbghin liri maltin u teminin centemzu [Lm87,645.80], osserva li “l-fond in kwistjoni mhuwiex komodament divizibbli, u allura jkun jaqbel illi jsir il-bejgh tieghu b’ lictiazzjoni”.[7]

---

[2] Certifikat taz-zwieg – Dok.GA1 – Fol.51
[3] Kuntratt – Dok.GA2 – Fols.52 *et seq.*
[4] Relazzjoni – Fol.40
[5] Sentenza – Dok.GA3 – Fol.63 *et seq*
[6] Certifikat tal-mewt – Dok.GA4 – Fol.66
[7] Fol.44

Illi in vista tal-premess, il-Qorti tosserva li, filwaqt li l-ewwel tlett talbiet attrici ma jistghux ireggu fic-cirkostanzi, ghandha takkolja r-raba talba u tordna l-bejgh bis-subbasta tal-fond [dar b' garage] meritu tal-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, taddotta fl-intier taghha r-relazzjoni tal-Perit Tekniku, tichad l-ewwel tlett talbiet attrici; tilqa' r-raba talba u tordna l-licitazzjoni tal-fond indikat fic-citazzjoni. L-ispejjez jigu sopportati bejn il-kontendenti skond ir-rispettivi kwoti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------